A.L. 17 ta' l-1999

## ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

### Regolamenti ta' l-1999 li Jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li Jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Raba' Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Jemenda l-partita 5 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda.

**2.** Minflok il-partita 5 tat-Taqsima Tnejn ta' l-Iskeda għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:

"5. *Servizzi kulturali u reliġjużi*

(1) Servizzi reliġjużi.

(2) Il-provvista ta' dawk is-servizzi kulturali li jistgħu jiġu approvati mill-Ministru.".